



Stqarrija għall-Istampa
Biex tinħareġ minnufih
Il-Lussemburgu, it-13 ta' Jannar 2015

L-appoġġ ta' qabel l-adeżjoni lis-Serbja jinsab fuq it-triq it-tajba, jgħidu l-awdituri tal-UE

Rapport ippubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) isib li l-appoġġ mill-UE ta' madwar EUR 1,2 biljun matul il-perjodu 2007-2013 kien globalment effettiv fit-tnejn tas-Serbja għal sħubija fl-UE. Il-finanzjament mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), flimkien ma' forom oħra ta' appoġġ, għen lis-Serbja biex timplimenta riformi soċjali u ekonomiċi u biex ittejjeb il-ġestjoni tagħha tal-finanzi pubbliċi. Fuq il-bażi ta' esperjenza miksuba f'pajjiżi beneficijarji oħra taħt l-IPA, il-Kummissjoni qed tqiegħed enfasi dejjem akbar fuq kwistjonijiet ta' governanza meta tkun qed tippjana l-assistenza finanzjarja u mhux finanzjarja tagħha lis-Serbja.

"Id-djalogu bejn l-UE u s-Serbja ħoloq rabta bejn il-prijoritajiet politiċi u l-formulazzjoni ta' politiċi. Billi tgħallmet mill-appoġġ tagħha ta' qabel l-adeżjoni, tal-passat, il-Kummissjoni rnexxietha tappoġġa lis-Serbja fl-indirizzar ta' oqsma ewlenin bħall-governanza tajba, l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni," ikkummenta Szabolcs Fazakas, il-Membru tal-QEA responsabbli għar-rapport. "Minkejja titjib gradwali fl-immaniġġjar tal-IPA, il-Kummissjoni teħtieġ li ttejjeb aktar it-tieni ġenerazzjoni tal-IPA użata fil-perjodu 2014-2020."

L-awdituri tal-UE sabu li, kumplessivament, il-Kummissjoni qed timmaniġġja b'mod effettiv l-appoġġ ta' qabel l-adeżjoni lis-Serbja, inklużi l-proġetti taħt l-IPA. Il-programmazzjoni ta' assistenza finanzjarja taħt l-IPA hija bbażata fuq qafas strateġiku koerenti, u l-approċċ għall-għażla ta' proġetti rilevanti għat-tnejn tas-Serbja għall-adeżjoni qed jittejjeb gradwalment. B'mod ġenerali, il-proġetti awditjati wasslu l-outputs ippjanati tagħhom iżda baw minn dgħufijiet fir-rigward tat-tfassil, l-implimentazzjoni u s-sostenibbiltà tagħhom.

Il-Kummissjoni kienet effettiva fl-immaniġġjar ta' assistenza mhux finanzjarja lis-Serbja fil-qasam ta' governanza. Hija użat id-djalogu tagħha mas-Serbja b'mod effettiv fl-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' governanza u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Hija gradwalment tejjeb l-approċċ tagħha biex tiegħu dawn il-kwistjonijiet abbord fil-formulazzjoni ta' politiċi u fit-tfassil ta' proġetti.

Ġeneralment, l-enfasi li tqiegħdet fuq il-governanza fid-djalogu ma kinitx espliċita fit-tfassil tal-proġetti, iżda l-biċċa l-kbira mill-proġetti analizzati mill-awdituri kienu kkontribwixxew indirettament għal governanza aħjar u/jew għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz tal-attivitajiet tagħhom relatati mal-bini ta' kapaċità amministrattiva.

Fir-rigward tat-tnejn tas-Serbja għall-ġestjoni deċentralizzata tal-fondi tal-UE, l-awdituri sabu li l-approċċ tal-Kummissjoni kien effettiv fl-appoġġ għall-governanza, iżda biss fl-isfera limitata tal-istrutturi ta' ġestjoni tal-IPA. Ix-xogħol tal-awdituri tal-Kummissjoni fuq l-istrutturi nazzjonali tal-IPA ma kienx parti minn valutazzjoni komprensiva tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-livell tal-pajjiż.

Meta kienet qed ttejjbi l-programmi annwali l-aktar reċenti taħt l-IPA, il-Kummissjoni ħadet passi biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati mill-awdituri tal-UE fil-proġetti aktar bikrin tal-IPA.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa u tan-noti lill-edituri huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu

ECA Press

Damijan Fišer - Uffiċjal tal-Istampa

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

E: press@eca.europa.eu

@EUAuditorsECA

Youtube: [EUAuditorsECA](https://www.youtube.com/EUAuditorsECA)

eca.europa.eu

Noti lill-edituri

Mill-2007 'l hawn, l-appoġġ finanzjarju mill-UE lis-Serbja permezz tal-IPA ammonta għal bejn wieħed u ieħor EUR 170 miljun fis-sena. Il-governanza, identifikata mill-Kummissjoni bħala l-qasam tal-akbar sfida għas-Serbja, irċeviet kwart mill-finanzjament taħt l-IPA. L-UE tikkomplementa l-finanzjament taħt l-IPA b'xi mezzi mhux finanzjarji biex tgħin lis-Serbja tnejn għas-sħubija fl-UE.

L-istrateġija tal-UE għat-tkabbir u r-regolament dwar l-IPA, irrevodut, qed jagħtu attenzjoni dejjem akbar lill-governanza finanzjarja u ekonomika fil-pajjiżi fil-fażi ta' adeżjoni. In-negozjati mas-Serbja dwar l-adeżjoni nfetħu formalment fl-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Rapport Speċjali (Nru 19/2014) intitolat "**L-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni tal-UE lis-Serbja**" jeżamina jekk il-Kummissjoni mmaniġġjatx b'mod effettiv l-appoġġ ta' qabel l-adeżjoni lis-Serbja matul il-perjodu 2007-2013 u, b'mod aktar approfondit, l-appoġġ tagħha fil-qasam ewlieni ta' governanza.

L-awdituri eżaminaw il-proċess ta' programmazzjoni tal-IPA u 15-il proġett iffinanzjat taħt l-IPA mill-programmi annwali taħt l-IPA għas-Serbja għall-2007-2009, b'fokus partikolari fuq ir-riżultati tal-proġetti. Huma analizzaw ukoll kampjun ieħor ta' 10 proġetti taħt l-IPA mill-programmi annwali għall-2010-2012 biex jiċċekkjaw jekk il-governanza u l-għlieda kontra l-korruzzjoni kinux kwistjonijiet trasversali fi proġetti fejn il-governanza tajba ma kinitx objettiv primarju.

Ir-rapport jagħmel għadd ta' rakkomandazzjonijiet għat-titjib kemm tal-ġestjoni ta' proġetti taħt l-IPA, kif ukoll tal-assistenza mhux finanzjarja.

L-awdituri tal-UE jirrakkomandaw li, sabiex ittejjeb il-programmazzjoni, it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' proġetti taħt l-IPA fis-Serbja, il-Kummissjoni:

- tagħmel il-proċessi ta' prijoritizzazzjoni u ta' għażla tal-proġetti aktar trasparenti u ttejjeb id-dokumentazzjoni tagħhom;
- ittejjeb il-proċess ta' tagħlimiet meħuda billi tiżviluppa database dedikat li jinkorpora t-tagħlimiet meħuda minn proġetti fil-passat fis-Serbja u f'pajjiżi benefiċjarji rilevanti oħra;
- tiddokumenta sistematikament il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet li fuqha huma bbażati l-outputs mistennija minn proġetti u kuntratti;
- tirrinforza l-prinċipju tal-kundizzjonalità, b'mod partikolari l-kapaċità tal-benefiċjarju li jagħmel dak li huwa meħtieġ għal proġett ta' kwalità għolja għandha tiġi vverifikata minn qabel u f'termini speċifiċi, li jistgħu jitkejlu;
- twaqqaf sistema għal rapport ta' progress regolari fil-qosor sabiex jiġi żgurat rendikont tal-entrati xieraq għall-proġett kollu kemm hu;
- tistabbilixxi sistema biex tiċċekkja l-utilità tal-outputs ta' proġetti (inklużi studji, analiżijiet, proċeduri, protokollu u materjali ta' taħriġ) fuq it-terminu medju u fuq dak twil.

L-awdituri tal-UE jirrakkomandaw li, fir-rigward ta' assistenza mhux finanzjarja, il-Kummissjoni:

- tappoġġa lill-awtoritajiet Serbi fl-irrazzjonalizzar ulterjuri tal-istrateġiji nazzjonali tagħhom u fl-iffinalizzar ta' pjan direzzjonali komplut għall-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi;
- ittejjeb il-mekkaniżmu ta' konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
- tivvaluta sistematikament il-ħtieġa għal miżuri speċifiċi kontra l-korruzzjoni jew miżuri oħra ta' governanza tajba matul it-tfassil ta' proġetti;
- tieħu passi biex tintegra x-xogħol tal-awditjar tal-Kummissjoni fuq l-istrutturi nazzjonali tal-IPA fil-valutazzjoni, tul il-pajjiż kollu, tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

Ir-rapporti speċjali tal-QEA huma ppubblikati matul is-sena kollha u jippreżentaw is-sejbiet ta' awditi magħżula ta' oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi tal-UE.